



BANK ĊENTRALI EWROPEW

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-7 t'April, 2005**

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea  
dwar l-audituri esterni tal-Bank of Greece**

**(BĊE/2005/7)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Įcentrali u tal-Bank Įcentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Įcentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek įcentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendentni rrikmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond il-liġi tal-Greċja, l-istess awditur estern ma jistax jinħatar għal aktar minn erba' snin finanzjarji. Għal din ir-raġuni, il-mandat ta' Charalambos Stathakis, li bħalissa huwa wieħed miż-żeww awdituri esterni, ma jistax jiġġedded. Il-Bank of Greece jista' jżomm Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA bħala l-audituri esterni tiegħu, bil-kundizzjoni li jkun hemm rotazzjoni tas-sieħeb inkarigat.
- (3) Il-Bank of Greece iddeċieda li Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA għandom ikunu l-uniċi awdituri esterni tiegħu għas-sena finanzjarja 2005, u l-BĊE jikkunsidra li din il-kumpanija tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa għal din il-ħatra.
- (4) Il-mandat eżistenti ta' l-audituri esterni għandu jkompli u jkun għal perjodu li jiġġedded ta' sena,

**ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:**

Huwa rrikkmandat li Ernst & Young (Hellas) Certified Auditors SA għandhom jinhatri bħala l-audituri esterni tal-Bank of Greece għas-sena finanzjarja 2005 u li din il-ħatra għandha tiġġedded għal sena.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-7 t'April, 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET